**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta' Ottubru, 2024

Rikors Ġuramentat: 133/2015 AL

**A B**

**vs.**

**C B**
**u b'digriet tal-25 ta' Novembru 2020 l-atti ġew trasfużi f'isem D E *née* B, F B u G B ilkoll aħwa B**

## Il-Qorti

Rat ir-rikors ġuramentat[1] ta' A B li permezz tiegħu ppremettiet:

*1. Illi l-attrici taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (rik nru 80/2006NC) li kopja tas-sentenza qieghda tigi hawn annessa bhaloa dok SCM 1;*

[1] Fol. 1.

*2. Illi s-sentenza in kwistjoni taghmel ukoll referenza ghar-rapport maghmul mill-perit legali Dr Ludvic Caruana (appuntat mill-Qorti stess fil-kawza) liema kopja tar-rapport qieghed jigi hawn anness bhala dok SCM 2;*

*3. Illi l-attrici ghamlet rikors fl-4 ta' Novembru 2013 wara s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Ottubru 2013, fejn talbet xi korrezzjonijet liema korrezzjonijiet ma gewx milqugha. Illi kopja tad-digriet datat il-21 ta' Jannar 2014 qieghed jigi hawn anness bhala dok SCM 3;*

*4. Illi l-attrici qieghda taghmel dan ir-rikors wara li l-partijiet kemm il-darba iltaqghu sabiex jaqsmu l-beni u l-gid taghhom skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Ottubru 2013, pero' l-konvenut b'mod ingust mhuwiex qieghed jaqbel li jaqsam skond ir-rapport tal-Perit legali Dr Ludvic Caruana u skond is-sentenza hawn fuq citata tal-25 ta' Ottubru 2013;*

*5. Illi r-rikorrenti ntavolat ittra ufficcjali fit-12 ta' Gunju 2014 sabiex terga titlob lill-intimat jersaq jaqsam il-beni skond is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013 li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness bhala dok SCM 4;*

*6. Illi din is-sitwazzjoni huwa insopportabbli ghall-attrici billi kellha titlaq mid-dar 'Pandora' Triq Giusppe Cali Mosta, MST 09, u ma tistax tiehu flusha u l-investimenti taghha permezz tas-sentenza billi l-konvenut qieghed joggezzjona ghal hafna affarijiet. Illi sallum ma hemm ebda fethim fuq l-investimenti u fuq il-flejjes u ghalhekk l-attrici tinsab f'sitwazzjoni ta' 'impasse' li ma tistax tiehu dak li hu taghha skond is-sentenza;*

*7. Illi ghalhekk ir-rikorrenti qieghda tipprezenta l-elenku tad-divizjoni ta' l-assi li qieghed jigi hawn anness bhala dok SCM 5, kif l-attrici fehmet is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell tal-25 ta' Ottubru 2013;*

*8. Illi l-konvenut m'huwiex qieghed jaqbel ma' din id-divizjoni skond is-sentenza u dan kif jirrizulta mill-ittra li hu baghat lilha hawn anness u mmarkat bhala dok SCM 6;*

*9. Illi l-konvenut lanqas ma qieghed jaccetta li tirrizulta zball fis-sentenza tal-Qorti Tal-Appell fl-ismijiet A B vs C B (rik nru. 80/06NC) deciza fil-25 ta' Ottubru 2013 f'pagna 9 fit-tieni paragrafu taht is-subtitolu 'Dar Matrimonjali' tad-dok SCM 1 fejn hemm indikat is-segwenti -*

*'Ghalhekk l-attrici ghandha kreditu kontra l-konvenut fl-ammont ta' Lm 5,000, filwaqt li l-kommunjoni ta' l-akkwisti ghandha kreditu kontra l-konvenut fl-ammont ta' Lm 1,000. B'kollox l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut is-somma ta' LM 5,500 (illum Euros 12,812) u l-attrici hi ordnata li thallas lill-konvenut din is- somma ta' tmien mija u hmistax il-Euro (Euros 12,815).'*

*U fejn għalhekk lanqas ma qieghed jaccetta li jivversa tali somma lill-attrici minhabba zball car u ovvju tal-Qorti ta' l-Appell;*

*10. Illi l-attrici wkoll tikkontendi li bil-frazi '..kull investiment gdid li sar wara din id-data, u ghalhekk inkluz l-investiment li ghamel il- konvenut mas-socjeta' DBR Investments Limited ...' l-Qorti tal- Appell fehmet li anki l-karozza l-gdida li xtara il-konvenut fl-ahhar tal-kawza u li ssemmiet fl-istadju tal-Qorti ta' l-Appell bin-numru tar-registrazzjoni JBR 414, jaqa' taht il-frazi 'kull investiment' u ghalhekk il-flus zburzjati mill-konvenut sabiex inxtrat din il-karozza l-gdida, ghandha tinqasam nofs bin-nofs bejn il-partijiet;*

*11. Illi ghalhekk l-attrici kellha tiftah din il-kawza;*

*12. Illi l-attrici marret ukoll quddiem il-Medjatur Godwin Genovese bin-numru 48/15, liema medjazzjoni nqaghlqet billi ma sar ebda progress;*

*Jghid ghalhekk l-intimat prevja kwalisiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna l-ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex-*

*1. Tiddikjara li tirrizulta zball car f'pagna 9 tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (rik nru 80/2006NC) taht is-subtitolu 'Dar Matrimonjali' fejn għalhekk din il-Qorti ghandha tikkoregi dik il-parti tas-sentenza (dok SCM 1) f'pagna 9 taht is-*

*subtitolu 'Dar Matrimonjali' sabiex il-konvenut (C B) ghandu jigi ordnat li ihallas lill-attrici (A B) is-somma ta' Euros 12,815 u/jew dik is-somma verjuri, oltre l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Gunju 2014 sal-pagament effettiv;*

*2. Tiddikjara li x-xiri li ghamel il-konvenut tal-vettura Hyundai targata JBR 414 ghandha tigi meqjusa bhala 'investiment gdid' wara t-2 ta' Settembru 2008, u li ghalhekk tifforma parti minn dawk l-investimenti fil-paragrafu 2 ta' pagna 11 tas-sentenza tal-Qorti Ta' l-Appell fl-ismijiet A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (rik nru 80/2006NC) li ghandhom jigu divizi ugwalment bejn il-partijiet;*

*3. Tiddikjara li l-qsim kif indikat fid-dok SCM 5 anness ma' dan ir-rikors guramentat, jirrifletti l-qsim kif gie deciz fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (rik nru 80/2006NC) u skond ir-rapport tal-perit legali Dr Ludvic Caruana LLD ipprenzetat fl-istess kawza liema raport jaghmel parti integrali tas-sentenza;*

*4. Tordna entro terminu qasir u perentorju, li f'kaz li l-konvenut jonqos li jersaq sabiex jiddividi l-assi skond id-dok SCM 5 u/jew skond kif il-Qorti tistabilixxi wara li tisma l-kaz, jappunta kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil C B kull fejn hemm bzonn u kull fejn hemm il-htiega, sabiex l-attrici tkun tista' tiehu sehemha mill-investimenti u dan b'mod liberu;*

*5. Tordna wkoll li t-tlett Life Insurance Policies mal-Middlsea Mapfe Insurance intestate lkoll fuq il-partijiet f'din il-kawza, huma ghal beneficcju tat-tlett itfal rispettivi tal-konjugi B (u li huma indikati f'pagna 4 tad- dok RAM 5) jigu assenjati lilhom u b'mod individwali, b'kull kont imur a favur dik it-tifla li ghaliha kien indikat ;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.*

*Bl-imghax mill-ittra ufficcjali tat-12 ta' Gunju 2014, sal- pagament effettiv.*

Rat il-lista ta’ xhieda ta’ l-attriċi.

Rat kopja tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell[2], tal-25 ta' Ottubru 2013 ippreżentata mill-attriċi mar-rikors ġuramentat tagħha;

Rat kopja tar-rapport tal-Perit Legali l-Avv. Ludvic Caruana[3] ppreżentat mill-attriċi mar-rikors ġuramentat tagħha;

Rat kopja tad-digriet tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Jannar 2014;[4]

Rat illi l-attriċi fetħet ukoll medjazzjoni bin-numru 48/15, liema medjazzjoni ngħalqet billi ma sar l-ebda progress;

Rat ir-risposta ġuramentata[5] ta' C B li fiha eċepixxa kif ġej:

*1. ILLI l-konvenut C B filwaqt li qiegħed jirrespingi fil-fatt u fid-dritt it-talbiet u l-pretensjonijiet tal-attrici kollha ghaliex iqishom bhala infondati fil-fatt u fid-dritt, qiegħed jiccara in linea difenzjonali, l-pozizzjoni tieghu in kontestazzjoni għal dak reklamat u sostnut mill-istess attrici;*

*2. ILLI jidher b'mod car li din hija kawza maghmula f'sens ta' vendetta min-naha ta' martu ghaliex huwa jhoss illi kien hemm zmien ampju biex wiehed jasal fi ftehim u fuq pjan ta' qasma ugwali. Il-konvenut isostni illi l-attrici inizzjalment ma accettatx ir-rikonciljazzjoni offruta minghand il-konvenut, qatt ma accettat illi jsir qsim tal-komunjoni b'mod imparzjali u gust, kif ukoll kissret kull attentat tal-medjatur ipprovdut wara s-sentenza definittiva moghtija mill-Qorti tal-Appell A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (Rik. Nru. 80/2006NC) sabiex il-partijiet stess ikunu jistghu jaqsmu gidhom u jkomplu b'hajjithom b'mod separat fl-interess taghhom it-tnejn;*

*3. ILLI l-konvenut jifhem illi hemm sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (Rik Nru 80/2006NC), kif ukoll jirrikonoxxi li jezisti r-rapport maghmul mill-perit legali Dr Ludvic*

[2] Fol. 5.
[3] Fol. 14.
[4] Fol. 77.
[5] Fol. 138.

*Caruana (appuntat mill-Qorti stess fil-kawza), liema kopja tas-sentenza u tar-rapport gew annessi mar-rikors prezentat minn A B prezentament;*

*4. ILLI l-konvenut jikkonferma illi A B kienet diga' ghamlet rikors iehor fl-4 ta' Novembru 2013 wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Ottubru 2013, fejn talbet xi korrezzjonijiet liema korrezzjonijiet kienu gew irrifjutati mill-Qorti tal-Appell;*

*5. ILLI m'huwix minnu li l-intimat b'mod ingust m'huwix qieghed jaqbel li jaqsam skond ir-rapport tal-Perit legali Dr Ludvic Caruana u skond is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2015;*

*6. ILLI C B, cioe l-intimat, ghamel minn kollox mill-2015 l'hawn sabiex ghal darba u għal dejjem jintemmu dawn il-kwistjonijiet minghar bazi li qegħdin jippregudikawh kemm finanzjarjament u kemm psikologikament;*

*7. ILLI C B isostni li matul is-sena 2014 il-partijiet kellhom jiltaqghu tliet darbiet sabiex jaqsmu il-beni u l-gid taghhom skond kif gie deciz fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Ottubru 2013; fejn fl-ewwel zewg laqghat beda jsir progress hekk kif in fatti sar qbil fuq il-maggoranza tal-kwistjonijiet. ILLI t-tielet laqgha ghal xi raguni jew ohra giet ikkancellata mir-rapprezentant legali ta' A B;*

*8. ILLI fl-2015 saru zewg appuntamenti quddiem il-medjatur Godwin Genovese bin-numru 48/15, fejn minhabba l-opposizzjoni ta' A B, u taghha biss, ghas-suggerimenti u proponimenti, ma setax isir progress jew wisq aktar isir ftehim;*

*9. ILLI s-sitwazzjoni ta' 'impasse', kif l-attrici ssostni, u n-nuqqas ta' ftehim huwa t-tort ta' hadd hlief ta' A B li minflok timxi mas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Ottubru 2013, qieghda taghmel interpretazzjoni taghha ta' kif għandhom jinqasmu l-assi, kif tispjega hija stess fir-rikors ta' din il-procedura prezentament, bil-ghan li tiggranfa u tigbed lejha aktar assi, li diga' gew kkonfermati li ma jappartjenux lila;*

*10. ILLI abbazi ta' din ir-raguni m'huwix minnu illi l-intimat qieghed 'joggezzjona ghal hafna affarijiet' imma kontrarjament, hija A B illi qed*

*tohloq impedimenti mhux xierqa u minghajr bzonn, biex dawn il-kwistjonijiet jibqghu jinholqu u l-proceduri jibqghu jittawlu;*

*11. ILLI minkejja li għadu ma sarx ftehim, u minkejja li A B qieghda tilmenta li ma tistax tiehu flusha u l-investimenti taghha, hija diga' qabdet u hadet hafna aktar minn sehemha u cioe minn dak spettanti lilha mill-kontijiet bankarji tan-'National Savings and Investments', 'LLOYDS Bank' u 'Bank of Valletta', kif qed jigi muri bil-kopji tad-dokumenti rispettivi annessi bhala Dokumenti LM 1 sa LM 3;*

*12. ILLI fir-rigward tat-talbiet attrici, u in kwantu l-ewwel talba, l-intimat m'huwix joggezzjona li l-izball li jinsab fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet A B vs C B (rik nru. 80/06NC) deciza fil-25 ta' Ottubru 2013 f'pagna 9 fit-tieni paragrafu taht is-subtitolu 'Dar Matrimonajali' għandu jittranga u b'hekk jobbliga ruhu li minghajr pregudizzju illi jiehu huwa stess dak spettanti lilu f'affarijiet li diga' ttiehdu minn martu minghajr ebda ftehim kemm fattwali u kemm legali, huwa lest li jhallas s-somma ddikjarata ta' tnax-il elf,, tmien mija u hmistax il-Ewro (EUR12,815);*

*13. ILLI fir-rigward tat-tieni talba attrici pero, jigi ccarat illi l-attentat ta' A B illi tinkludi l-karozza l-gdida Hyundai (liema llum m'ghadiex tista' titqies gdida u li l-valur taghha ddeterjora b'mod konsiderevoli) li xtara l-konvenut u li ssemmiet fl-istadju tal-Qorti tal-Appell bin-numru tar-registrazzjoni JBR 363, bhala 'kull investiment', hija mossa kemxejn qarrieqa li turi x-xewqa tal-attrici sabiex tigbed il-habel lejha kemm tista', fejn minbarra hekk turi b'mod car kemm qieghda tikkrea impedimenti mhux fondati sa biex forsi finalment jinholoq ftehim u ma jkunx hemm aktar kwistjonijiet. Din il-karrozza, hija karrozza li nxtrat minn fondi parafernali li l-konvenut wiret minghand iz-ziju tieghu bl-isem ta' H Mary B. Dan kollu diga' taf bih l-attrici kif hareg ampjament mil-gbir tal-provi quddiem il-perit legali Dr. Ludvic Caruana;*

*14. ILLI in rigward tal-punt precidenti, fir-rapport maghmul mill-perit legali Dr Ludvic Caruana (appuntat mill-Qorti stess fil-kawza), jidher illi sar ftehim kif għandu jsir divizjoni ta' kull kont bankarju li jitqies bhala 'kull investiment ghalhekk ma taghmilx sens li karozza, illi nxtrat minn flus*

*parafernali li C B wiret minghand iz-ziju tieghu, tigi meqjusa bhala 'kull investiment'. (vide Dok. LM.8)*

*15. ILLI fir-rigward tat-tielet talba attrici, l-konvenut jiccara illi huwa dejjem wera x-xewqa tieghu li ghal darba u għal dejjem jitemmu dawn il-kwistjonijiet u għalhekk kien dejjem lest, kif għadu issa, li jkun flessibli, fejn diga' ceda mis-sehem tieghu sabiex forsi jintlahaq ftehim, kontra dak li A B qieghda tallega. ILLI b'dan spjegat, C B qieghed jiehu din l-opportunita sabiex jitlob lil din il-Qorti, tiddikjara li l-qsim kif indikat fid-dok SCM 5 anness mill-attrici stess mar-rikors guramentat taghha, jirrifletti l-qsim kif gie deciz fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (rik nru 80/2006NC) u skond ir-rapport tal-perit legal Dr Ludvic Caruana LLD ipprezentat fl-istess kawza liema rapport jaghmel parti integrali tas-sentenza, salv dawn l-eccezzjonijiet u kjarifiki ulterjuri li għandhom jigu per forza di diritto meqjusin ukoll:*

*a) Li jigi introdott 'Treasury Stock' b'ammont ta 1334.71 EUR fil-lista 'Money Due To C' hekk kif diga' kien hemm qbil fuqu. (vide Dok. LM.4)*

*b) Li jigi introdott 'Manteniment' li A B ghandha taghti lill-intimat, fl-ammont ta 1461.29 EUR hekk kif diga' kien hem qbil fuqu.*

*c) Li l-Qorti tordna kif għandu jinqasam il-kont bankarju tal-HSBC nru. 061056313001 hekk kif ghad m'hemmx qbil fuq dan l-ammont li ghandu jinqasam. (vide Dok. LM.5)*

*d) Li l-Qorti tordna kif għandu jinqasam il-kont bankarju tal-HSBC nru. 061 022752053 hekk kif ghad m'hemmx qbil fuq dan l-ammont li ghandu jinqasam. (vide Dok. LM.6)*

*e) Li l-Qorti tordna li l-ammont li għandu jinqasam in rigward il-kont bankarju tal-BOV kont nru. 172 03653 043 huwa dak ta' 1165.53 EUR hekk kif ghad m'hemx qbil fuq dan l-ammont li ghandhu jinqasam u hekk kif dan il-kont gie maghluq mill-attrici, fejn aktar minn hekk żammet il-flus hija. (vide Dok. LM.3)*

*f) Li l-Qorti tordna kif għandu jinqasam il-kont bankarju tal-'HSBC nru. 061033752053 hekk kif ghad m'hemx qbil fuq dan l-ammont li ghandu jinqasam. (vide Dok. LM.6 u Dok. LM.8)*

*g) Li jigi introdott 'VAT Appeal Refund' li suppost qieghed jidher taht l-'Assets To Be Divided' hekk kif jinsab nieqes, filwaqt illi l-Qorti tordna li l-konvenut għandu jiehu is-somma ta' 676.84 EUR hekk kif id-deposit ghall-appell rispettiv kien sar fl 4 ta' Gunju 2001 fejn l-appell kien gie deciz f' Settembru tas-sena 2005. (vide Dok. LM. 7)*

*h) Li l-Qorti tordna kif għandu jinqasam il-kont bankarju rreferut bhala l-'Glasgow Account' li jinsab bhala l-ahhar item fil-lista 'Money Due To A' hekk kif ghad m'hemx qbil kif dan l-ammont ghandu jinqasam. (Il-Glasgow Account kif tirreferi ghalih l-attrici huwa sinonimu ghal-kont bankarju 'N.S. & I. nru. 108361452. (vide Dok. LM.8)*

*i) Li tigi introdotta il-vettura 'FIAT 128 Sport' liem vettura hija l-propjeta parafernali tal-intimat, li mbaghad giet mibjugha fiz-zwieg ghall-prezz ta €2562, hekk kif suppost qieghda tidher fil-lista 'Money Due To C', u sintendi jigi kkunsidrat il-fatt illi l-valur totali ghandu allura jigi ppercepit unikament minn C B.*

*j) Li l-Qorti tordna kif għandu jinqasam l-investiment illi sar fil-kont bankarju tal-LLOYDS nru. 10203560 hekk kif ghad m'hemx qbil fuq dan l-ammont li għandu jinqasam. (vide Dok. LM.2)*

*k) Li l-Qorti tiddikjara li l-investiment li sar fid-DBR m'ghandomx jinqasmu hekk kif dawn saru waqt il-procedura tas-separazzjoni mill-intimat, minn flus illi huwa wiret minghand iz-ziju tieghu. (vide Dok. LM. 8)*

*l) Li l-Flat bl-indirizz ta' Flat 35, Omega Court, Triq Ananija, St. Paul's Bay, jigi mibjugh fuq is-suq immobiljarju u lokali u jekk dan ma jsehx jinbigh bil-procedura tas-subbasta.*

*16. ILLI in kwantu ghar-raba talba attrici, il-konvenut jaqbel perfettament illi jigi ordnat entro terminu qasir u perentorju li din il-qasma ssehh b'direttiva u/jew b'sentenza tal-Qorti stess, u f'kaz illi l-atrici tonqos li*

*tersaq sabiex tiddividi l-assi skond kif il-Qorti tistabilixxi wara li tisma' din il-kawza, tappunta kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil A B kull fejn hemm bzonn u kull fejn hemm il-htiega, sabiex il-konvenut stess ikun jista' jiehu sehemhu legalment u gustament, u dan ukoll b'mod liberu;*

*17. ILLI in kwantu ghal hames talba attrici, il-konvenut jaqbel perfettament ma tali assenjazzjoni;*

*18. ILLI il-konvenut jixtieq ukoll illi jigi ordnat illi l-mandat ta' sekwestru fuq il-kontijiet bankarji tal-konvenut jigi revokat sabiex il-kontijiet bankarji rispettivi jergghu jigu fl-istat funzjonanti li kienu qabel, inkluz l-imgħaxijiet li setghu akkumulaw, sabiex l-intimat ikun jista jagħtiha sehemha, abbazi kif tiddeciedi l-Qorti.*

*19. ILLI l-konvenut qieghed jipprezenta wkoll kontestwalment ma' din ir-risposta numru ta' dokumenti immarkati bhala (Dok. LM.1 sa LM.13) li jkomplu jikkonfortaw il-fatti tieghu li permezz taghhom, ipprova jaghmel milli jista' sabiex jasal ghal kompromess tant mixtieq;*

*20. Salv eccezzjonijiet ulterjuri u bl-ispejjez kollha kontra l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.*

Rat il-lista ta' xhieda tal-konvenut;

Rat li fl-udjenza tal-31 ta' Jannar 2017[6] il-Qorti ħatret lil Dr Abigail Critien bħala Assistent Ġudizzjarju f'din il-kawża sabiex tisma' l-provi kollha bis-soliti fakultajiet;

Rat li b'digriet tal-25 ta' Mejju 2017[7], il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Abigail Critien u ssostitwietha b'Dr Greta Agius bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat li fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2019[8] il-Qorti rrevokat l-inkarigu ta' Dr Greta Agius u ssostitwietha b'Dr Maria Dolores Gauci bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

---

[6] Fol. 188.
[7] Fol. 192.

Rat illi fl-udjenza tat-2 ta' Ottubru 2019[9] il-Qorti għamlitha ċara illi x-xhieda li qed tinstema fil-kawża fl-istess ismijiet bin-numru 241/17AL tkun tgħodd ukoll għal din il-kawża;

Rat illi fil-mori tal-proċeduri miet il-konvenut C B u li b'digriet tal-25 ta' Novembru 2020[10] il-Qorti laqgħet it-talba sabiex issir it-trasfużjoni tal-atti fil-persuni tal-eredi tiegħu, u *ċioé* l-uniċi ulied tal-konvenut D E *née* B, Loraine B u G B;

Rat illi wara li l-konvenuti ma dehrux għal diversi seduti l-Qorti għalqet il-provi tagħhom;[11]

Rat il-verbali kollha, ix-xhieda mressqa u d-dokumenti eżebiti minnhom;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attriċi;[12]

Rat id-digriet tal-Qorti tat-30 ta' Novembru 2023[13] li bih il-Qorti qajjmet l-eċċezzjoni *ex officio* rigward il-kompetenza tagħha f'din il-kawża *rationae materiae* u nnutat illi għalkemm l-attriċi fin-nota ta' sottomissjonijiet iddjakarat li t-talbiet tnejn u ħamsa tar-rikors ġuramentat m'għandhomx ikunu fis-sentenza hija ma ppreżentatx nota ta' ċessjoni dwar dan u l-Qorti ddifferiet il-kawża sabiex il-partijiet jirregolaw ruħhom qabel tgħaddi għas-sentenza;

Rat in-nota ta' ċessjoni tal-attriċi[14] li biha tirrinunzja għat-tieni u l-ħames talba tar-rikors ġuramentat tagħha iżda żżomm ferm it-talbiet l-oħra kollha u ma tippreżentax provi dwar l-eċċezzjoni li tqajjmet mill-Qorti *ex officio* rigward il-kompetenza tagħha f'din il-kawża *rationae materiae*;

Rat l-atti proċesswali kollha;

---

[8] Fol. 199.
[9] Fol. 402.
[10] Fol. 423.
[11] Fol. 453.
[12] Nota tat-12 ta' April 2023.
[13] Fol. 457.
[14] Fol. 460.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

*L-azzjoni odjerna*

Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attriċi qiegħda titlob illi wara l-appell mis-sentenza tas-separazzjoni li biha l-Onorabbli Qorti tal-Appell iddeċidiet permezz ta' sentenza tal-25 ta' Ottubru 2013, u wara t-tieni appell sabiex tiġi rranġata l-imsemmija sentenza, liema appell ġie miċħud b'sentenza tal-4 ta' Novembru 2013, issa qed titlob lil din il-Qorti sabiex:

*Tiddikjara li tirrizulta zball car f'pagna 9 tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (rik nru 80/2006NC) taht is-subtitolu 'Dar Matrimonjali' fejn għalhekk din il-Qorti ghandha tikkoregi dik il- parti tas-sentenza (dok SCM 1) f'pagna 9 taht is-subtitolu 'Dar Matrimonjali' sabiex il-konvenut (C B) ghandu jigi ordnat li ihallas lill-attrici (A B) is-somma ta' Euros 12,815 u/jew dik is-somma verjuri, oltre l-imghax legali mid-data tal-ittra ufficcjali tat-12 ta' Gunju 2014 sal-pagament effettiv;*

*Tiddikjara li l-qsim kif indikat fid-dok SCM 5 anness ma' dan ir-rikors guramentat, jirrifletti l-qsim kif gie deciz fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet A B vs C B deciza nhar il-25 ta' Ottubru 2013 (rik nru 80/2006NC) u skond ir-rapport tal-perit legali Dr Ludvic Caruana LLDipprenzetat fl-istess kawza liema raport jaghmel parti integrali tas-sentenza;*

*Tordna entro terminu qasir u perentorju, li f'kaz li l-konvenut jonqos li jersaq sabiex jiddividi l-assi skond id-dok SCM 5 u/jew skond kif il-Qorti tistabilixxi wara li tisma l-kaz, jappunta kuratur deputat sabiex jirraprezenta lil C B kull fejn hemm bzonn u kull fejn hemm il-htiega, sabiex l-attrici tkun tista' tiehu sehemha mill-investimenti u dan b'mod liberu;*

U dan wara li ġew ċeduti t-tieni u l-ħames talba attriċi.

Fid-digriet kamerali tat-30 ta’ Novembru 2023, il-Qorti qajjmet *ex officio* l-eċċezzjoni ta’ inkompetenza *rationae materiae* u dan *ai termini* ta’ l-Artikolu 732A tal-Kap 12 u tat l-opportunità lill-partijiet sabiex in ottemperanza ma’ dan l-artikolu jkollhom iċ-ċans illi jkunu jistgħu jipproduċu provi u jagħmlu sottomissjonijiet verbali dwar din l-eċċezzjoni qabel tingħata s-sentenza dwar tali eċċezzjoni. Madanakollu l-attriċi insistiet fuq l-ewwel, it-tielet u r-raba’ talba tagħha mingħajr ma ġabet provi jew issottomettiet dwar din l-eċċezzjoni li qajjmet il-Qorti *ex officio.*

*Il-Prinċipji Legali Applikabbli għall-Każ Odjern*

Il-Qorti tara idoneju illi tibda billi telenka fiex tikkonsisti l-kompetenza mogħtija lilha permezz tar-Regolament numru 4 tal-Liġi Sussidjarja 12.19[15] u l-iSkeda tar-Regolament 2(a) tal-Liġi Sussidjarja 12.20[16], *ċioé*:

*“Lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) għandhom jiġu assenjati dawk il-kawżi li jaqgħu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li għandhom x’jaqsmu ma’:*

*(a) it-Titoli I, II u IV ta’ l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili;*

*(b) l-Ordinanza dwar l-Esekuzzjoni ta’ Digrieti ta’ Manteniment;*

*(ċ) l-Att dwar l-Esekuzzjoni Reċiproka ta’ Ordnijiet ta’ Manteniment;*

*(d) l-Att dwar iż-żwieġ u*

*(e) l-Att dwar is-Sekwestru u l-Kustodja ta’ Minuri”.*

L-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili huwa ‘*Fuq il-Persuni*’, u: (i) Titolu I tal-Ewwel Kapitolu jitratta ‘*Jeddijiet u d-Dmirijiet li jitnisslu miż-Żwieġ*’, (ii) Titolu II tal-Ewwel Kapitolu jitratta ‘*l-Filjazzjoni*’, u (iii) Titolu IV tal-Ewwel Ktieb jitratta ‘*is-Setgħa tal-Ġenitur*’.

[15] Ordni dwar it-Twaqqif ta’ Sezzjonijiet tal-Qrati Ċivili, tas-16 ta’ Diċmebru 2003.
[16] Regolamenti dwar il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), il-Prim’ Awla tal-Qorti Ċivili u il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri) (Sezzjoni tal-Familja), tas-16 ta’ Diċembru 2003.

F'dan il-kuntest, il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Doerhe Stephanie Rieks vs Peter Rieks**,[17] fejn waqt li l-partijiet kienu għadhom miżżewġin, iżda jgħixu separatament, l-attriċi ressqet kawża kontra l-konvenut żewġha quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili għar-rimborż ta' somma flus parafernali tagħha, u fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu l-konvenut qajjem il-punt li l-kwistjoni in eżami taqa' taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). Fis-sentenza tagħha, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili trattat din l-eċċezzjoni ta' inkompetenza *rationae materiae* u waslet għall-konklużjoni li tali eċċezzjoni ma treġix, fejn b'referenza speċifika għar-Regolament 4(a) tal-iSkeda tar-Regolament 2(a) tal-Liġi Sussidjarja 12.20 irribadiet illi: *"(I)s-Sezzjoni tal-Familja tal-Qorti Ċivili għandha l-materji assenjati lilha minn Regolament 4 tal-iskeda marbuta mal-paragrafu 2(a) tal-Avviż Legali 397 tal-2002 (S.L. 12.20) kif sussegwentement emendat. Għal dak li jirrigwarda Regolament 4(a),* ***l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili jittratta – u fil-fatt huwa hekk intitolat – "Fuq il-Persuni" b'kuntrast mat-Tieni Ktieb li jittratta "Fuq il-Beni".*** *Subtitlu I ta' Titlu I tal-Ewwel Ktieb jittratta "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-raġel u l-mara lejn xulxin" iżda dan jagħmlu mil-lat personali, bħad-dmir li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja u jedukaw u jmantnu lil uliedhom, u l-kunjom tal-mara u tal-ulied. Huwa biss l-Artikolu 3A li jitkellem fuq proprjetà - dik tad-dar matrimonjali. Sub-Titlu II ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Jeddijiet u Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa" essenzjalment dwar manteniment. Sub-Titlu III ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Firda Personali" filwaqt li Sub-Titlu IV ta' Titlu I jitkellem "Fuq id-Divorzju". Titlu II jitkellem "Fuq il-Filjazzjoni" u Titolu IV huwa "Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri". Imbagħad Regolament 4(b) u (ċ) jittratta dwar Ordnijiet ta' Manteniment; Regolament 4(d) dwar l-Att taż-Żwieġ u Regolament 4(e) dwar l-Att dwar il-Kustodja tat-tfal".*

Artikolu 9 tal-Avviż Legali 397 tal-2003[18] jgħid imbagħad f'Artikolu 9 illi:

*"(1) Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipproċedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti*

[17] Deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-3 ta' Diċembru 2015 (Rik. Ġur. Nru. 295/2015 LM).
[18] Regolamenti ta' l-2003 dwar Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Ġenerali) u l-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri)(Sezzjoni tal-Familja).

*(a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew miżżewġin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom; jew*

*(b) manteniment bejn il-konjuġi; jew*

*(c) bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew*

*(d) tibdil fi ftehim dwar kull ħaġa msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-subregolament;*

*dik il-parti għandha, fl-ewwel lok, tippreżenta ittra fir-reġistru tal-Qorti fejn tgħid x'inhi t-talba tagħha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tiġi ppreżentata skond m'hemm f'dik id-diposizzjoni.*

*(2) Il-Qorti għandha ssejjaħ lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4."*

Għaldaqstant dawn il-kwsitjonijiet jaqgħu wkoll taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja).

Fil-kawża fl-ismijiet **DG f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri E u I vs JD**[19], il-Qorti qalet:

"*Illi din il-Qorti sejra issa tindirizza l-eccezzjoni tal-intimat u cioe' kompetenza rationae materia sabiex tisma' it-tielet talba. Illi t-tielet talba attrici kif dedotta fir-rikors promotur hija s-segwenti:*

*Tiddikjara li l-konvenut ghandu jirrifondi w b'hekk jillikwida mill-inqas nofs l-ammont tas-somma indikata ta' erba t'elef hames mija w erbghin Euro w erba w sittin centezmu - €4,540.64 – u/jew somma verjuri kif ukoll l-infieq addizzjonali li gew u qed jigu inkorsi a beneficcju tal-minuri ulied il-partijiet favur l-esponenta ghas-sena 2017 u ghas-sena kurrenti ta' 2018 u dan skond il-prospett li ghandu jigi esibit fil-mori tal-kaz;*

[19] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fis-16 ta' Ottubru 2023, (Rik. Nru 241/2018JPG).

*Fin-nota ta' sottomissjonijiet tardiva tieghu, il-konvenut jirrileva illi gialadarba it-tielet talba hija purament "money claim" ghall-arretrati ta' spejjes tal-edukazzjoni u sahha, dawn ma jaqghux fil-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti, bhala Qorti tal-Familja, izda jaqghu fil-kompteneza tal-Qorti Civili, senjatament il-Prim Awla tal-Qorti Civili, jew il-Qorti tal-Magistrati Malta) jew it-Tribunal ghat-Talbiet Zghar.*

*Din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza Carmel sive Charles I vs Mariella Azzopardi (Rikors Guramentat 265/2011 MCH) decisa nhar is-6 ta' Ottubru 2011:*

*Ir-regolament 4 meta jitkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti tal-Familja jghid illi ghandhom jigi assenjati lil din il-Qorti fost affarijiet ohra kwistjonijiet li jidhru taht Titolu I, II u IV tal-Ewwel Ktieb tal-Kodici Civili (Kap. 16). Li jinteressa lil din il-Qorti ghal din il-vertenza hi Titolu I li jitkellem dwar drittijiet u obbligazzjonijiet naxxenti miz-zwieg, manteniment tal-axxendenti u dixxendenti u separazzjoni personali cioe r-ragunijiet, modalita ta' separazzjoni w effetti fuq il-koppja, l-ulied u l-patrimonju inkluz is-successjoni.*

*Inoltre fl-iskeda tal-istess Avviz Legali nsibu klawsola 9 li tghid hekk: 9. (1) Minghajr pregudizzju ghad-disposizzjonijiet tar-regolamenti 4 sa 7 meta persuna tkun trid tipprocedi quddiem il-Qorti fuq is-segwenti: (a) nuqqas ta' qbil bejn partijiet, sew mizzewgin jew le, dwar il-kustodja, manteniment u access ta' wliedhom; jew (b) manteniment bejn il-konjugi; jew (c) bidliet f'kull haga regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali; jew (d) tibdil fi ftehim dwar kull haga msemmija fil-paragrafu (a) ta' dan is-sub regolament; dik il-parti ghandha, fl-ewwel lok, tipprezenta ittra fir-registru tal-Qorti fejn tghid x'inhi t-talba taghha, li jkun fiha d-dettalji elenkati fil-paragrafu 1 tar-regolament 4 u li tkun iffirmata u tigi pprezentata skond m'hemm f'dik iddiposizzjoni. (2) Il-Qorti ghandha ssejjah lill-partijiet biex jidhru quddiem medjatur, u ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 3 tar-regolament 4.*

*Din il-Qorti hasbet dwar dan fit-tul. Hu minnu illi l-kwistjoni quddiemha jitratta dwar kwistjoni familjari cioe nuqqas ta' qbil bejn il-kontendenti, separati, kif gia inghad b'kuntratt pubbliku. Pero b'daqshekk ma jfissirx illi kull vertenza semplicement ghax hi vertenza bejn il-koppja bil-fors tmur quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) hi vestita b'kompetenza specifika limitata u kif kien qabel, hi l-Qorti Civili Prim'Awla li hi vestita bil-kompetenza li tisma' l-kawzi kollha li ma jaqghux fil-parametri specifici tal-Qorti tal-Familja, jew il-Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja. Harsa lejn it-talba attrici ma tirrigwardax vertenza ta' separazzjoni in corso li bla dubbju kienet tinkwadra ruhha fil-poteri u mansjonijiet tal-Qorti tal-Familja. Kaz tipiku gie mistharreg mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fil-kawza fl-ismijiet Agostino I vs Salvina I (9.02.2005). Il-kaz quddiem din il-Qorti hu differenti. Il-partijiet anzi l-attur mhux qed jittanta jbiddel dak miftiehem bil-kuntratt tas-separazzjoni li illum hu ligi bejn il-partijiet. Mhux jattakka la l-manteniment dovut lil martu jew tal-wlied minuri u anqas il-klawsola fejn hu obbligat ihallas nofs l-ispejjez edukattivi u ancillari kif jirrizulta mill-istess kuntratt. Ma hemm ebda nuqqas ta' qbil kif irid l-artikolu 9 tal-iskeda ghall-Avviz Legali 397/2003 li minnu tohrog il-proposta konsegwenzjali da parti tal-attur li ghandu jigi mibdul jew imnehhi xi vinkolu li ntrabat fih fil-kuntratt ta' separazzjoni. Il-Qorti tal-Appell fis-Sede Inferjuri taghha fis-sentenza fl-ismijiet Anne Marie Galea Naudi vs Juan Carlos Galea Naudi deciza nhar it-3 ta' Ottubru 2008 mill-Imhallef Philip Sciberras, f'cirkostanzi li kienu jittrattaw rimbors da parti ta' wiehed mill-konjugi kontra l-konjugi l-iehor ta' spejjez inkorsi min wiehed mill-konjugi ghal minuri, spejjez kawtelati f'kuntratt ta' separazzjoni bejn il-konjugi tenniet: Oggettivament, it-talba attrici ma tintroducix fil-process ebda tema li ghandha kollegament ma' xi kwestjoni ta' separazzjoni li ghadha in corso, bhal ma hekk kien il-kaz deciz minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 2005 in re: "Agostino I - vs- Salvina I", u fejn allura l-Qorti ddeterminat, in bazi ghac-cirkostanzi specjali ta' dak l-istess kaz, illi kien aktar adattat illi l-materja tkun skrutinata u deciza mill-Qorti tal-Familja. Hawnhekk ghandna sitwazzjoni fejn s-separazzjoni, konsenswalment maqbula, kienet gja definita u dak li kien qed jintalab bl-azzjoni intentata kien biss u sempliciment l-ottemperanza ta' l-obbligu kontrattwali assunt mill-konvenut tal-hlas ta' nofs l-ispiza inkorsa. Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi parti*

*tfittex lill-parti l ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba. Hu proprju dan li fil-konkret jaghmel il-kollegament max-xelta tal-foro kompetenti. Fil-kaz prezenti l-foro esklussiv kien it-Tribunal u mhux xi Qorti ohra. Illi siccome it-talbiet jippresponu varjazzjoni jew kancellament tal-obbligi naxxenti minn kuntratt, il-Qorti tqis li hija moghnija bil-kompetenza ratione materiae."*

L-istess il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **A Aic vs B C Aic[20]:**

"*The Court refers with approval to the judgments, quoted by plaintiff in his note of submissions, declaring that requests for the enforcement of rights and obligations arising from a contract of personal separation pertain to the competence of the Civil Court, First Hall and not of the Civil Court (Family Section)."*

Artikolu 741 (b) tal-Kap 12 jgħid kif ġej

*"L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-qorti tista' tingħata –*

*(b) meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:*

*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:*

*Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu*

[20] Deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) fl-20 ta' Marzu 2014, (Rik. Nru 161/2013RGM).

*konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża."*

Jgħid imbagħad regolament 8 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 li:

*Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kawża għandhiex tiġi assenjata lil xi Sezzjoni waħda jew oħra tal-Qorti Ċivili, jew meta kawża tkun tinvolvi iktar minn kategorija waħda skond ma għandhom jiġu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili, il-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-Prim Imħallef li għandu mbagħad, in camera, jiddeċiedi dwar liema Sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef għandha tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża u tkun waħda finali.*

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern</u>*

F'dan il-każ l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti

1. Tiddikjara li jirriżulta żball f'paġna 9 tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet A B vs C B deċiża nhar il-25 ta' Ottubru 2013 u sabiex tikkoreġi dan l-iżball għaliex tgħid li hemm żball ovju li C B kellu jħallas lil A B u l-Qorti tal-Appell għamlet żball meta qalbet il-partijiet. Tgħid li huwa ċar hu ovju li kif il-Qorti ddikjarat li d-dar bl-indirizz 42, Omega, Triq Cali, Mosta tappartjeni lil C B, allura l-ħlas li għamlet qabel iż-żwieġ A B ta' tnax-il elf tmien mija u ħmistax-il Ewro (€12,815) għandu jitħallas lura lilha u l-konvenut ma tahomlix;

Għandu jingħad li dwar dan diġà ngħatat sentenza mill-Qorti tal-Appell fejn l-attriċi ppreżentat rikors sabiex titlob korrezzjoni għall-iżbalji li tgħid li ħadet il-Qorti tal-Appell u dan l-appell ġie miċħud.

2. Titlob ukoll illi din il-Qorti tiddikjara illi prospett li tippreżenta mar-rikors ġuramentat tagħha jirrifletti l-qsim kif deċiż fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u għalhekk hija tgħid li hawn kull ma qed tagħmel

huwa li qed titlob dak li hu tagħha skont is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell;

3. U sussegwentement għalhekk tordna li f'terminu qasir u perentorju li f'każ li l-konvenut jonqos li jersaq sabiex jiddividi l-assi skond kif tiddeċiedi l-Qorti f'din it-talba tappunta kuratur deputat sabiex jirrapreżenta lil C B kull fejn hemm bżonn u kull fejn hemm il-ħtieġa, sabiex l-attriċi tkun tista' tieħu sehemha mill-investimenti u dan b'mod liberu;

Il-Qorti eżaminat bir-reqqa dawn it-talbiet attriċi u tirrileva illi taqbel illi din hija vertenza li temanixxi minn kwistjoni familjari u *ċioé* nuqqas ta' qbil bejn koppja, issa separata, fi sfond ta' separazzjoni, anzi wara li ġiet diġà dikjarata s-separazzjoni personali skont kif deċiż mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Ottubru 2013. Però kif intqal fil-kawża ġia ċitata fl-ismijiet **DG f'isimha propju kif ukoll bħala kuratriċi *ad litem* ta' wliedha minuri E u I vs JD**, ma jfissirx illi kull vertenza sempliċement għaliex hi vertenza bejn koppja bilfors tinstema mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja). L-attriċi hawn qiegħda tipprova ssewwi dak li skont hi huwa żball tal-Qorti tal-Appell li dwaru diġà għamlet talba lill-istess Qorti tal-Appell u din ġiet miċħuda u qed tittenta tenforza sentenza definittiva. Dak li qed titlob l-attriċi huwa l-ottemperanza ta' l-obbligi li jemanixxu minn sentenza definittiva u f'dan il-każ jgħodd dak li qalet il-Qorti f'din l-istess sentenza illi "*Fil-prattika jigri dejjem, sija fil-presenza ta' gudikat jew ta' kuntratt ta' separazzjoni, illi parti tfittex lill-parti l ohra biex din tonora l-obbligazzjonijiet, imposti jew assunti. Ghal dan, il-parti ma tmurx quddiem il-Qorti tal-Familja, ammenokke non si tratta minn domanda ghal varjazzjoni jew kancellament ta' dawk l-istess obbligazzjonijiet, izda quddiem il-foro idoneju skond il-materja jew il-valur tat-talba.*"

Il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) hija vestita b'kompetenza speċifika. Għal dak li jirrigwarda Regolament 4(a) tal-Liġi Sussidjarja 12.19**, l-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili jittratta – u fil-fatt huwa hekk intitolat – "Fuq il-Persuni" b'kuntrast mat-Tieni Ktieb li jittratta "Fuq il-Beni".** Subtitlu I ta' Titlu I tal-Ewwel Ktieb jittratta "Fuq il-Jeddijiet u d-Dmirijiet tar-raġel u l-mara lejn xulxin" **iżda dan jagħmlu mil-lat personali,**

bħad-dmir li jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-familja u jedukaw u jmantnu lil uliedhom, u l-kunjom tal-mara u tal-ulied. Huwa biss l-Artikolu 3A li jitkellem fuq proprjetà - dik tad-dar matrimonjali. Sub-Titlu II ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Jeddijiet u Dmirijiet bejn Axxendenti, Dixxendenti u Aħwa" essenzjalment dwar manteniment. Sub-Titlu III ta' Titlu I jittratta "Fuq il-Firda Personali" filwaqt li Sub-Titlu IV ta' Titlu I jitkellem "Fuq id-Divorzju". Titlu II jitkellem "Fuq il-Filjazzjoni" u Titolu IV huwa "Fuq is-Setgħa tal-Ġenituri". Imbagħad Regolament 4(b) u (ċ) jittratta dwar Ordnijiet ta' Manteniment; Regolament 4(d) dwar l-Att taż-Żwieġ u Regolament 4(e) dwar l-Att dwar il-Kustodja tat-tfal. Artikolu 9 tal-Avviż Legali 397 tal-2003 imbagħad jitratta nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet dwar il-kustodja, manteniment u aċċess ta' wliedhom, manteniment bejn il-konjuġi jew talbiet għal bidliet f'kull ħaġa regolata minn sentenza ta' firda personali jew minn kuntratt ta' firda personali li lanqas ma hu l-każ hawn fejn l-attriċi qiegħda biss tipprova tenforza dak li kien deċiż issa fil-kuntest ta' żewġ persuni indipendenti minn xulxin wara li kien hemm il-pronunzja tas-separazzjoni personali.

Jirriżulta għalhekk kif anke ngħad fil-ġurisprudenza kwotata, illi fil-fehma ta' din il-Qorti f'din il-kwistjoni l-forum kompetenti m'huwiex il-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja).

Il-Qorti hija konsapevoli illi b'applikazzjoni tal-proviso tal-Artikolu 741(b) tal-Kap 12 kif ġia ċitat, u ġaladarba tinsab tal-fehma li ma għandhiex kompetenza fil-proċeduri li ġew quddiemha, hija għandha l-fakoltà li fi żmien għaxart (10) ijiem minn meta tkun irċiviet l-atti minn Qorti oħra jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemha, tibgħat l-atti tal-proċeduri lill-Qorti tal-Appell sabiex permezz ta' digriet *in camera* tiddeċiedi hi quddiem liema Qorti, Bord jew Tribunal għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża. Tali terminu ta' għaxart (10) ijiem għadda; madanakollu din l-eċċezzjoni tinneċessita l-applikazzjoni tar-regolament 8 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 li jgħid li:

*Meta jkun hemm nuqqas ta' qbil dwar jekk kawża għandhiex tiġi assenjata lil xi Sezzjoni waħda jew oħra tal-Qorti Ċivili, jew meta kawża tkun tinvolvi iktar minn kategorija waħda skond ma għandhom jiġu assenjati lil Sezzjonijiet differenti tal-Qorti Ċivili, il-kwistjoni għandha tiġi*

*riferita lill-Prim Imħallef li għandu mbagħad, in camera, jiddeċiedi dwar liema Sezzjoni għandha tiġi assenjata l-kawża. Id-deċiżjoni tal-Prim Imħallef għandha tiġi reġistrata fl-atti tal-kawża u tkun waħda finali.*

Illi għalkemm ir-regolament 8 jemani minn leġiżlazzjoni sussidjarja, fil-materja ta' kompetenza tal-Qorti tal-Familja, hija *l-lex specialis*, u għaldaqstant l-artikolu 741(b) tal-Kap 12 m'għandux japplika.[21]

GĦALDAQSTANT u tenut kont tar-raġunijet premessi, din il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawża jiġu rrinvjati lill-Onor. Prim Imħallef sabiex *ai termini* tar-Regolament 8 tal-Liġi Sussidjarja 12.19 jiġi deċiż liema Sezzjoni tal-Qorti Ċivili għandha tkompli tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna.

Bl-ispejjeż ta' din is-sentenza *a karigu* ta' l-attriċi.

[21] Ara d-digriet mogħti fil-kawża fl-ismijiet Carmel Horace sive Carlo Schembri vs Stefania Schembri, nhar l-1 ta' April 2019 (Rik. Ġur. Nru. 1019/2017 LSO).